31977L0539

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(77/539/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi tal-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* mal-fanali tar-rivers;

Billi dawn ir-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi hu għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3], tiġi ntrodotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi fid-Direttiva 76/756/KEE [4], il-Kunsill stabbilixxa l-ħtiġiet komuni għall-installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

Billi proċedura armonizzata ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponentfir-rigward ta' fanali tar-rivers tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jivverifika l-konformità mal-ħtiġiet komuni tal-kostruzzjoni u l-ittestjar u biex jinforma lill-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent komplut għal kull tip ta'fanal tar-rivers; billi t-tqegħid ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq fanali tar-rivers kollha manifatturati b'konformità mat-tip approvat tneħħi kull ħtieġa għall-iċċekkjar tekniku fuq dawn il-fanali tar-rivers fl-Istati Membri l-oħra;

Billi hu mixtieq li jkunu kkunsidrati l-ħtiġiet tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU fir-Regolament tagħha Nru 23 ("Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta'fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom") [5] li hu mehmuż mal-Ftehim ta' l-20 ta' Marzu 1958 dwar l-adozzjoni tal-kondizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' l-approvazzjoni għall-tagħmir u partijiet ta' vetturi bil-mutur;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw ma' vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tat-testijiet magħmula minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal kull tip ta' fanal tar-rivers li jissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u l-ittestjar stabbiliti fl-Annessi 0, II, III u IV.

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponent għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat, safejn dan ikun meħtieġ u jekk meħtieġ b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra. Din il-verifika għandha tkun limitata għall-verifiki saltwarji.

---

[1] ĠU C 118, tas-16.5.1977, p. 29.
[2] ĠU C 114, tal-11.5.1977, p. 3.
[3] ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
[4] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 1.
[5] Dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324/E/ECE/TRANS/505/Rev. 1/Add 22, ta' l-20.8.1971.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom għal kull tip ta' fanal tar-rivers li huma japprovaw skond l-Artikolu 1, jagħtu lill-manifattur, jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri fl-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipprevjenu l-użu ta' marki li jistgħu joħolqu xi konfużjoni bejn il-fanali tar-rivers li jkunu ġew mogħtija l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1, u mezzi oħrajn.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali tar-rivers għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tagħhom jew il-metodu ta' kif dawn jaħdmu jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent.

2. Minkejja dan, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali tar-rivers li jkollhom il-marka għall-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu li jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni minnufih bil-miżuri meħuda, waqt li jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom fi żmien xahar jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip ta'komponent, li mudell tiegħu qed jingħata fl-Anness I, komplut għal kull tip ta' fanal tar-rivers li huma japprovaw jew li jirrifjutaw li japprovaw.

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' fanali tar-rivers li jkollhom l-istess marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li hu jkun approva, dan għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassiigura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda li jistgħu, meta jkun hemm nuqqas konsistenti ta' konformità, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent. L-imsemmija awtoritajiet għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk ikunu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar bi kwalunkwe rtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u bir-raġunijiet għal dik il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, biex tiġi irrifjutata jew irtirata l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal xi fanal tar-rivers jew biex jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq jew l-użu tiegħu għandha tagħti fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-parti interessata, li għandha fl-istess waqt tiġi mgħarrfa bir-rimedji disponibbli lilha skond il-liġijiet li jkunu fis-seħħ fl-Istati Membri u bit-termini ta' żmien mogħtija għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' xi vettura għal raġunjiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali tar-rivers tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mwaħħla skond ir-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għal raġunjiet li għandhom x'jaqsmu mal- -fanali tar-rivers tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mwaħħla skond ir-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li jkollha mill-inqas erba' roti u assi veloċità massiima ddisinjata li taqbeż il-25 km fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bleċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikoltura u għall-forestrija u vetturi li jintużaw fix-xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 10

Kull emenda li hija meħtieġa sabiex jiġu addattati r-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-28 ta' Ġunju 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

W. RODGERS

LISTA TA' L-ANNESSI

ANNESS 0 (1)	Definizzjonijiet, speċifikazzjonijiet ġenerali, intensità tad-dawl mitfugħ, proċedura tat-test, kulur tad-dawl mitfugħ, konformità tal-produzzjoni
ANNESS I	Mudell ta' ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent
ANNESS II:	Approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent u ħtiġiet ta' mmarkar
ANNESS III (1):	Kejl fotometriku
ANNESS IV (1):	Kulur tad-dawl li mitfugħ, koordinati trikromatiċi

(1) Il-ħtiġiet tekniċi ta' dan l-Anness hume simili għal dawk tar-Regolament Nru 23 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa. B'mod partikolari it-tqassiim f'sezzjonijiet huwa l-istess. Għalhekk, fejn sezzjoni fir-Regolament Nru 23 m'għandhiex kontroparti f'din id-Direttiva, in-numru huwa mogħti f'parentesi għar-rekord.

ANNESS 0

DEFINIZZJONIJIET, SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI, INTENSITÀ TAD-DAWL MITFUGĦ, PROĊEDURA TAT-TEST, KULUR TAD-DAWL MITFUGĦ, KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. "Fanal tar-rivers" tfisser il-fanal użat biex iddawwal it-triq lejn in-naħa ta' wara tal-vettura u biex javża utenti oħra tat-triq li l-vettura tkun qed tirriversja jew tkun ser tirriversja.

1.2. "Assi tar-riferenza" tfisser l-assi karatteristiku tas-sinjal tad-dawl, stabbilit mill-manifattur għall-użu bħala d-direzzjoni tar-riferenza (H = 0°, V = 0°) għall-kejl fotometriku u meta jkun qed jiġi mwaħħal il-fanal fuq il-vettura.

1.3. "Ċentru tar-riferenza" tfisser l-intersezzjoni ta' l-assi tar-riferenza mal-wiċċ estern li jarmi d-dawl. Din tkun speċifikata mill-manifattur tal-fanal.

1.4. "Tip ta' fanal tar-rivers" tfisser fanali tar-rivers li ma jvarjawx fl-aspetti essenzjali bħal ma huma:

1.4.1. l-isem kummerċjali jew it-*trade mark;*

1.4.2. il-karatterisitiċi tas-sistema ottika;

1.4.3. l-inklużjoni ta' komponenti li kapaċi jalteraw l-effetti ottiċi permezz ta' riflessjoni, rifrazzjoni jew assiorbiment;

1.4.4. it-tip tal-bozza tal-filament.

(2.)

(3.)

(4.)

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

5.1. Kull wieħed mill-kampjuni msemmija f' 1.2.3 ta' l-Anness II għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet t'hawn taħt.

5.2. Il-fanali tar-rivers għandhom ikunu hekk iddisinjati u mibnija li taħt kondizzjonijiet normali ta' l-użu, minkejja kull vibrazzjoni li jistgħu jkunu suġġetti għaliha matul l-użu, tkun assiigurata l-operazzjoni sodisfaċenti tagħhom u dawn iżommu l-karatteristiċi stabbiliti permezz ta' din id-Direttiva.

6. INTENSITÀ TAD-DAWL MITFUGĦ

6.1. Id-dawl mitfugħ minn kull wieħed mill-kampjuni msemmija f' 1.2.3 ta' l-Anness II m'għandux ikun inqas mill-intensità minima u mhux aktar mill-intensità massiima speċifikata hawn taħt u għandu jkun imkejjel f'relazzjoni ma' l-assi tar-riferenza fid-direzzjonijiet murija hawn taħt (espressi fi gradi mill-assi tar-riferenza).

6.2. L-intensità matul l-assi tar-riferenza m'għandhiex tkun inqas minn 80 cd.

6.3. L-intensità tad-dawl mitfugħ fid-direzzjonijiet kollha li fihom il-fanal jista' jkun osservat m'għandhiex teċċedi:

— 300 cd fid-direzzjonijiet fi jew 'il fuq mill-pjan orizzontali;

— 600 cd fid-direzzjonijiet taħt il-pjan orizzontali.

6.4. F'kull direzzjoni oħra tal-kejl muri fl-Anness III, l-intensità tad-dawl m'għandhiex tkun ta' inqas mill-minima speċifikati f'dak l-Anness.

7. PROĊEDURA TAT-TEST

Il-kejl kollu għandu jsir b'bozza tal-filament mingħajr kulur tat-tip irrakkomandat għall-fanal tar-rivers u jkun hekk irregolat sabiex jipproduċi l-influss tad-dawl normali preskritt għal din it-tip ta' bozza.

8. IL-KULUR TAD-DAWL MITFUGĦ

Il-kulur tad-dawl mitfugħ għandu jkun abjad. Fil-każ ta' dubju, il-kulur jista' jkun iċċekkjat abbażi tad-definizzjoni tal-kulur ta' dawl abjad kif mogħtija fl-Anness IV.

9. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Kull fanal tar-rivers li jkollu l-marka ta' l--approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jkun konformi mat-tip approvat u jikkonforma mal-kondizzjonijiet fotometriċi speċifikati f'6 u 8. Minkejja dan, fil-każ ta' xi fanal tar-rivers magħżul saltwarjament minn serje ta' produzzjoni, il-ħtiġiet dwar l-intensità minima tad-dawl li jiġi mitfugħ (imkejjel b'bozza b'filament *standard* kif imsemmi fil-paragrafu 7) jistgħu ikunu limitati f'kull direzzjoni rilevanti għal 80 % tal-valur minimu speċifikat f'6.

(10.)

(11.)

ANNESS I

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Notifika dwar l-għoti, ċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal tip ta' fanal tar-rivers

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent: .....

1. Tip ta' fanal tar-rivers .....
2. Tip(i) ta' bozza(bozoz) bil-filament .....
3. Isem kummerċjali jew *trade mark* tal-fanal tar-rivers .....
4. Isem u indirizz tal-manifattur .....
5. Jekk japplika, isem u indirizz tar-rappreżentat awtorizzat tal-manifattur .....

   .....
6. Sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fi .....
7. Servizz tekniku li jwettaq it-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent .....

   .....
8. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
9. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
10. Data tal-għoti/ċaħda/irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent [1].....
11. Approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent moghtija abbażi ta' 3.3 ta' l-Anness II għal mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi bosta fanali, u b'mod partikolari .....
12. Data tal-għoti/ċaħda/irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħdanija [1].....
13. Post .....
14. Data .....
15. Firma .....
16. Id-disinn mehmuż numru ..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-fnal tar-rivers għandu jiġi mwaħħal fuq il-vettura, u l-assi tar-riferenza u ċ-ċentru ta riferenza tal-fanal tar-rivers.
17. Rimarki .....

    .....

[1] Ħassar fejn ma japplikax.

ANNESS II

APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT U ĦTIĠIET TA' L-IMMARKAR

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha ssir mid-detentur ta' l-isem kummerċjali jew it-*trade mark* jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

1.2. Għal kull tip ta' fanal tar-rivers, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn:

1.2.1. deskrizzjoni teknika fil-qosor li tiddikjara, b'mod partikolari, it-tip(i) ta' bozza(oz) tal-filament rakkomandata(i), li għandha(hom) tikkonforma(jikkonformaw) ma' l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (CIE)

1.2.2. disinni (fi tliet kopji), f'biżżejjed dettall li jippermetti l-identifikazzjoni tat-tip tal-fanal tar-rivers u li juru b'mod ġeometriku l-pożizzjoni li fiha l-fanal tar-rivers għandu jkun immuntat fuq il-vettura, l-assi ta' l-osservazzjoni li għandu jittieħed bħala l-assi tar-riferenza fit-testijiet (angolu orizzontali H = O°, angolu vertikali V = 0°), u l-punt li għandu jittieħed bħala ċ-ċentru tar-riferenza fl-imsemmija testijiet;

1.2.3. żewġ kampjuni.

2. MARKI

2.1. Il-kampjuni ta' tip ta' fanal tar-rivers sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandhom ikollhom:

2.1.1. l-isem kummerċjali jew it-*trade mark* ta' l-applikant, li għandu jkun leġibbli b'mod ċar u li ma jitħassarx;

2.1.2. marka leġibbli u li ma titħassarx li tindika t-tip(i) tal-bozza(oz) tal-filament rakkomandata(i);

2.1.3. jekk meħtieġ, sabiex ikun evitat kull żball fit-twaħħil tal-fanal tar-rivers fuq il-vettura, ikollhom il-kelma 'FUQ' immarkata orizzontalment fuq il-parti ta' fuq nett tal-lenti;

2.1.4. u jinkorporaw spazju kbir biżżejjed biex ikun fih il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent, inklużi s-simboli addizzjonali preskritti f'4; dan l-ispazju għandu jidher fid-disinni imsemmija f' 1.2.2.

3. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

3.1. Jekk iż-żewġ kampjuni sottomessi skond 1 jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Annessi 0, II, III u IV, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tingħata u jkun assenjat numru ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent.

3.2. Dan in-numru m'għandux jiġi assenjat lil xi tip ieħor ta' fanal tar-rivers.

3.3. Meta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent tkun mitluba għal xi tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi xi fanal tar-rivers jew fanali oħra, tista' tingħata marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE waħdanija ta' komponent basta li l-fanal tar-rivers jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħra li jifforma parti mill- mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih tintalab l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jikkonforma mad-Direttiva speċifika li tgħodd għalih.

4. MARKI

4.1. Kull fanal tar-rivers li jikkonforma ma' xi tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent.

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f'forma ta' rettangolu li jdawwar l-ittra żgħira 'e', segwita bin-numru jew ittri li jiddistingwixxu l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent:

1 għall-Ġermanja,

2 għal Franza,

3 għall-Italja,

4 għall-Olanda,

6 għall-Belġju,

11 għar-Renju Unit,

13 għall-Lussemburgu,

18 għad-Danimarka,

IRL għall-Irlanda,

Din għandu jkollha wkoll n-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, li jikkorrispondi man-numru taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent maħruġ għat-tip tal-fanal tar-rivers in kwistjoni.

4.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tkun issupplimentata bis-simbolu addizzjonali "AR".

4.4. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jitpoġġa f'xi pożizzjoni konvenjenti fejn ir-rettangolu li jdawwar l-ittra "e".

4.5. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent u s-simbolu addizzjonali għandhom jitwaħħlu fuq il-lenti tal-fanal, jew fuq waħda mil-lentijiet, b'tali mod li ma jithassirux u li jkun jidhru b'mod sew meta l-fanal tar-rivers ikun imwaħħal mal-vettura.

4.6. Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u s-simbolu addizzjonali msemmi hawn fuq li għandu l-ittri A u R, hu muri fl-Appendiċi.

4.7. Meta jinħareġ numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħdanija, kif indikat fi 3.3, għal xi tip ta' mezz ta' dawl u sinjalazzjoni bid-dawl li jkun fih xi fanal tar-rivers u fanali oħra, tista' titwaħħal marka waħda ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, li tikkonsisti fi:

— rettangolu li jdawwar l-ittra 'e', segwita bin-numru jew ittra(i) li jiddistingwixxu l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent:


— numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent,

— is-simboli addizzjonali meħtieġa mid-diversi Direttivi li permezz tagħhom tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent tal-KEE.

.4.8. Il-qisien tad-diversi komponenti ta' din il-marka m'għandhomx ikunu inqas mill-ikbar mill-qisien minimi speċifikati għall-marki individwali permezz tad-Direttivi li bis-saħħa tagħhom tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent

Appendiċi

Eżempju ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent



Il-mezz li jġib il- marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent muri hawn fuq huwa fanal tar-rivers li ngħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE fil-Ġermanja (e 1) bin-numru 1271.

ANNESS III

KEJL FOTOMETRIKU

1. METODI BIEX JITTIEĦED IL-KEJL

1.1. Matul il-kejl fotometriku, *stray reflections* għandhom ikunu prevenuti permezz ta' għatu xierqa.


1.2. Kemm-il darba r-riżultati tal-kejl jiġu kkontestati, il-kejl għandu jsir b'tali mod li jissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:

1.2.1. id-distanza tal-kejl għandha tkun tali li tkun tgħodd il-liġi ta' l-invers tal-kwadru tad-distanza;

1.2.2. it-tagħmir li jkejjel għandu jkun tali li l-fetħa angulari tar-riċevitur meta wieħed jarah miċ-ċentru ta' riferenza tal-fanal ikun bejn 10' u 1°;

1.2.3. il-ħtieġa ta' l-intensità għal direzzjoni partikolari ta' l-osservazzjoni għandha tiġi sodisfatta jekk dik il-ħtieġa tiġi sodisfatta f'xi direzzjoni li tiddevja b'mhux aktar minn 15' mid-direzzjoni ta' l-osservazzjoni.

2. IL-PUNTI TAL-KEJL ESPRESSI FI GRADI TA' ANGOLU MA' L-ASSI TAR- REFERENZA U L-VALURI TAL–INTENSITAJIET MINIMI TAD-DAWL MITFUGĦ



2.1. Id-direzzjoni H = 0° u V = 0° tikkorrispondi ma' l-assi tar-riferenza (li, meta l-fanal ikun imwaħħal mal-vettura, għandha tkun orizzontali, paralleli mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u orjentata fid-direzzjoni meħtieġa tal-viżibbiltà). Din tgħaddi miċ-ċentru tar-riferenza. Il-valuri murija fit-tabella jagħtu, għad-diversi direzzjonijiet tal-kejl, l-intensitajiet minimi mogħtija f'cd.

2.2. Jekk l-eżami viżwali ta' fanal jidher li jiżvela varjazzjonijiet lokali sostanzjali ta' l-intensità, għandha ssir verifika biex tassiigura li l-ebda intensità mkejla bejn tnejn mid-direzzjonijiet tal-kejl imsemmija hawn fuq ma tkun inqas minn 50 % ta' l-intensità minima l-aktar baxxa tat-tnejn preskritti għal dawn id-direzzjonijiet ta' kejl.

ANNESS IV

KULUR TAD-DAWL MITFUGĦ

KOORDINATI TRIKROMATIĊI

abjad	limitu lejn il-blu:	limitu lejn l-isfar:
	limitu lejn l-aħdar:	limitu lejn l-aħdar:
	limitu lejn il-vjola:	limitu lejn l-aħmar:
	x ≥0 310	x ≤0 500
	y ≤0 150 + 0 640 x	y ≤0 440
	y ≥0 050 + 0 750 x	y ≥0 382

Għall-verifika ta' dawn il-karatteristiċi kolorimetriċi, għandu jintuża sors tad-dawl f'temperatura ta' kulur ta' 2 854 K li jikkorrispondi ma' illuminant A tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (CIE).